# L-Immakulata Kunċizzjoni fl-affresk ta' Giotto

Martin Micallef

Bil-bulla *Ineffabilis Deus* ta' l-1854, il-papa Piju IX issiġġilla l-istorja twila li matulha l-Knisja tħabtet sakemm tatna t-tagħlim uffiċjali dwar l-Immakulata Kunċizzjoni. L-ebda wieħed mill-erba' evanġelji kanoniċi ma jagħtina ħjiel fuq it-twelid tal-verġni Marija. Dan minħabba li l-erba' evanġelji li l-Knisja tqishom ispirati lkoll inkitbu bħala katekeżi fuq il-persuna u l-messaġġ ta' Ġes Kristu.

L-interess, l-imħabba u d-devozzjoni lejn Marija, li baqgħu dejjem jiżdiedu fost l-ewlenin Kristjani, wasslu, iżda, biex jibda jimtela dan il-vojt li ħallewlna l-evanġelji. Ma damux ma bdew jinkitbu evanġelji oħrajn li l-Knisja tqishom bħala "apokrafi". Din il-kelma ġejja mill-Grieg (*"apokruphos"*), li litteralment tfisser xi ħaġa moħbija jew sigrieta. Il-Knisja tuża din il-kelma sabiex tirriferi għal dawk il-kotba li ma daħlux jagħmlu parti mil-lista tal-Kotba Mqaddsa, u li ħafna minn dawn il-kotba għal xi żmien kienu jinqraw mill-istess Kristjani. Minħabba li dawn il-kotba apokrafi m'humiex miqjusin bħala ispirati, jiġifieri bħala Kelma ta' Alla, huma m'għandhom l-ebda awtorit fuq it-tagħlim u l-ħajja tal-Knisja. Minkejja dan nistgħu ngħidu li l-ewwel tagħrif fuq Marija mnissla bla ebda tebgħa jeħodna lura għal wieħed minn dawn l-evanġelji apokrafi, magħruf aħjar bħala l-*Protovanġelu ta' Ġakbu*. Din il-kitba tat-tieni seklu tipprovdilna ġeneru letterarju fantasjużli bih l-awtur ried ifaħħar lil Marija billi jirrakkonta t-twelid, it-tfulija u ż-żwieġ tagħha.

F'dan l-artiklu nixtiequ nuru kif dan ir-rakkont minn dan l-evanġelju apokrafu hu rifless f'rappreżentazzjonijiet artistiċi antiki ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Imma qabel nagħmlu dan, l-ewwel sa nippreżentaw ir-rakkont tat-twelid tal-verġni Marija kif insibuh fil-*Protovanġelu ta' Ġakbu*.

**Rakkont fantasjuż**

Il-*Protovanġelu ta' Ġakbu* jiftaħ bl-istorja ta' Ġwakkin, raġel sinjur li jiġi umiljat pubblikament minħabba li ma kellux ulied. Kollu mnikket, huwa jirtira fid-deżert fejn sam u talab għal erbgħin jum u erbgħin lejl. Min-naħa l-oħra, martu Anna wkoll ġarrbet l-istess umiljazzjoni minħabba l-istat ta' sterilit tagħha. Din il-ħaġa nikktitha mhux ftit, kif jidher fl-għanja li hija għanniet, ibbażata fuq xi wħud mill-istejjer li nsibu fit-Testment il-Qadim. Huwa fin-numru 4 ta' dan ir-rakkont li naqraw kif l-anġlu tal-Mulej dehrilha u qalilha:

"'Anna, Anna, il-Mulej sema' t-talba tiegħek. Inti sa tnissel...'. U araw, ġew żewġ anġli li qalulha: 'Ara, żewġek Ġwakkin ġej bl-imrieħel tiegħu għax anġlu tal-Mulej niżel ħdejh u qallu: "Ġwakkin, Ġwakkin, il-Mulej Alla sema' t-talba tiegħek. Itlaq minn hawn; ara, martek Anna sa tilgħed..."'. U ara, Ġwakkin ġie bl-imrieħel tiegħu, u Anna waqfet ħdejn il-bieb u rat lil Ġwakkin ġej, u malajr ġriet u għannqitu magħha u qalet: 'Issa naf li l-Mulej Alla berikni tassew; għax ara l-armla m'hijiex aktar armla, u jien, li kont bla wlied, ser innissel'. U Ġwakkin straħ fl-ewwel jum fid-dar tiegħu".[1]

Fl-istudju tiegħu dwar il-kotba apokrafi tat-Testment il-Ġdid,[2] Hans-Josef Klauck jikkummenta fuq dan ir-rakkont u b'mod partikulari fuq 4:4. Huwa jfakkarna li jeżistu aktar minn test wieħed ta' din il-ġrajja li jvarjaw bejniethom fil-mod kif jippreżentaw il-verb li bih l-awtur jitkellem fuq it-tnissil ta' Marija f'ġuf Anna. F'kelma oħra, il-problema qiegħda kif sa naqraw il-kliem ta' Anna meta din tiltaqa' ma' żewġha Ġwakkin. Għandna naqraw il-kliem li hija tgħid fil-passat: "Jiena *nissilt*," jew fil-futur: "Jiena *sa nnissel*"?

Klauck jikkonkludi li wisq probabbli t-test li jippreżenta dan il-verb fil-passat "jiena *nissilt*" huwa l-aktar wieħed antik, li bih l-awtur ried jurina kif il-konċepiment ta' Marija seħħ fin-nuqqas jew fl-assenza ta' Ġwakkin. F'dan il-każ it-tnissil ta' Marija qed jiġi ppreżentat bħal dak ta' Ġes : tnissil mirakulużli sar mingħajr l-intervent ta' raġel. Fl-Oċċident, Iacopo da Voragine (*c.* 1228-1298) fil-*Legenda aurea* jagħtina l-ewwel minn dawn iż-żewġ verżjonijiet. Marija tnisslet f'ġuf Anna mingħajr l-intervent uman ta' Ġwakkin.

Din l-ambigwit fil-forma grammatikali ta' dan il-verb tidher li tneħħiet għalkollox f'kitba apokrafa oħra msejħa *L-Evanġelju ta' Psewdo-Mattew*, li nkiteb bil-Latin aktarx bejn is-snin 600-625 u li l-isem oriġinali tiegħu kien *Liber de ortu beatae Mariae et de infantia Salvatoris*.[3] F'din il-kitba naqraw kif anġlu tal-Mulej itenni lil Ġwakkin b'mod espliċitu li martu "nisslet bint permezz taż-żerriegħa tiegħu" (3:2 – *"ex semine tuo concepisse filiam"*).

Ir-raġuni wara din il-preżentazzjoni tat-tnissil verġinali ta' Marija mingħajr l-intervent ta' raġel jidher li hija kkawżata mit-twemmin li l-att sesswali jittrasmetti d-dnub tan-nisel fl-ulied li jitnisslu

minnu. Dan it-twemmin kien qawwi ħafna b'mod speċjali fi żmien Santu Wistin. Xi whud mill-ewwel rappreżentazzjonijiet artistiċi dwar dan il-privileġġ Marjan jirriflettu din it-tradizzjoni li tgħid li t-tnissil ta' Marija ma sarx bl-att taż-żwieġ bejn il-ġenituri tagħha, imma biss b'bewsa kasta bejn Sant'Anna u San Ġwakkin. Din it-tradizzjoni, iżda, ġiet ikkundannata aktar tard mill-papa Innoċenzu XI.

Fil-meditazzjoni riċenti tiegħu dwar l-Immakulata Kunċizzjoni, Jean-Claude Michel jitkellem fuq dan l-iżball.[4] Huwa jgħid li rridu noqogħdu attenti biex ma nħalltux it-tnissil verġinali ta' Ġes ma' dak ta' Marija. Meta qed nitkellmu fuq l-Immakulata Kunċizzjoni qed infissru l-purezza u l-preservazzjoni ta' Marija minn kull dnub. It-tieni żball li rridu nevitaw, jgħid Michel, huwa dak li nsibu f'dawn l-evanġelji apokrafi u li ntiret fil-fidi populari tan-nies. Marija ġiet ikkonċeputa skond il-ġisem u mhux skond l-ispirtu, bħalma kien il-każta' Ġes fil-ġuf tal-verġni Marija. Marija twieldet permezz ta' l-għaqda fl-imħabba bejn Anna u Ġwakkin, u għalhekk, jikkonkludi Michel, irridu neskludu t-teżi li tafferma li Marija ġiet imnissla bħal Ġes .

**Il-pittura ta' Giotto**

Jidher li waħda mill-ewwel xbihat artistiċi li tirraffigura dan l-episodju meħud mill-evanġelji apokrafi hija l-affresk ta' Giotto li nsibu fil-kappella ta' Scrovegni f'Padova, l-Italja. Scrovegni huwa l-kunjom ta' familja sinjura fl-Italja ta' fuq, li kkummissjonat lil Giotto sabiex ipitter il-ħitan tal-kappella li din il-familja bniet ġewwa l-anfiteatru Ruman f'Padova, fl-1300. Mid-dokumenti eżistenti jidher li Giotto ħadem din l-opra artistika tiegħu bejn is-snin 1303-1304, iżda mhux aktar tard mill-1305.[5]



F'dan il-proġett ikonografiku, Giotto affreska l-ħitan ta' din il-kappella b'żewġ stejjer differenti: il-ħajja ta' Ġes u dik tal-verġni Marija. Flimkien ma' dawn hemm affreski oħra li juru allegoriji tal-virtujiet u l-vizzji flimkien ma' affresk kbir li jirrappreżenta l-ġudizzju universali. Dak li jinteressana huwa dak li nsibu fuq in-naħa ta' fuqnett tal-ħitan ta' din il-kappella, jiġifieri l-affreski ta' Giotto li jirrappreżentaw l-istorja ta' San Ġwakkin u Sant'Anna u l-istorja tal-verġni Marija. Din is-serje ta' affreski tibda mal-ħajt tal-lemin viċin l-arkata l-kbira ta' din il-kappella, b'sitt inkwadraturi ta' 200 b'185ċm kull waħda. Sitta minn dawn l-affreski jirrappreżentaw il-ħajja ta' San Ġwakkin. Dawn ikomplu mal-ħajt tal-faċċata, u li jibdew mill-entratura, b'sitt affreski oħra li jirrappreżentaw il-ħajja tal-verġni Marija.

Huwa s-sitt affresk li lilna l-aktar jinteressana: il-laqgħa ta' Ġwakkin u Anna. F'dan l-affresk Giotto ppreżenta lil San Ġwakkin u lil Sant'Anna jitgħannqu u jbusu lil xulxin fuq il-pont li jwassal għall-Bieb tad-Deheb ta' Ġerusalemm, li f'dan l-affresk jixbah ħafna lill-ark ta' Augustus f'Rimini. Huwa l-apokrafu msejjaħ il-*Psewdo-Mattew* biss li jagħtina dan id-dettall tal-bieb ta' Ġerusalemm, il-post fejn iltaqgħu Anna u Ġwakkin.

Wara l-figura ta' San Ġwakkin jidher wieħed mir-rgħajja li kienu miegħu fid-deżert. Taħt l-arkata tad-deheb, fuq ix-xellug, tidher mara liebsa l-iswed, wiċċha nofsu mgħotti u li qed tħares f'direzzjoni oħra. L-erba' nisa l-oħra li jidhru ħdejha huma ferħanin iħarsu lejn it-tgħanniqa ta' mħabba bejn Anna u Ġwakkin. Skond Robert Filippetti il-mara liebsa l-iswed tirrappreżenta s-sinagoga fil-preżenza tal-Knisja (in-nisa l-oħra): it-Testment il-Qadim quddiem il-Ġdid.[6] Huwa mbagħad jikkwota lil Bellinati, li jinterpreta lill-mara bl-iswed mhux bħala s-sinagoga iżda bħala armla liebsa l-ilbies tradizzjonali iswed biex turi l-kuntrast qawwi bejn il-passat ta' Anna u l-ferħ kbir tagħha għar-ritorn ta' żewġha.[7] Filippetti ma jeskludix li hawn ninsabu quddiem iż-żewġ interpretazzjonijiet li jistgħu jingħaqdu flimkien: is-sens allegoriku li nistgħu nħalltuh mas-sens litterali.

**Konklużjoni**

Dan l-affresk ta' Giotto m'huwiex l-uniku wieħed li jirrappreżenta l-bewsa u t-tgħanniqa bejn Sant'Anna u San Ġwakkin, li, kif rajna skond tradizzjoni antika, kien minn din il-laqgħa li tnisslet Marija mingħajr l-intervent uman ta' Ġwakkin. Giotto nistgħu ngħidu li kien il-pjunier għal bosta rappreżentazzjonijiet oħra simili li tlestew ħafna żmien warajh, bħal ngħidu aħna l-pittura ta' Matteo di Pietro, imlaqqam Matteo da Gualdo (1430/1435-1507), li tinsab fil-*Pinacoteca Comunale* ta' Nocera Umbra, fl-Italja, jew l-ikona mpittra minn artista anonimu Russu lejn l-aħħar tas-seklu sittax u li llum tinsab fil-*Mużej Andrej Rublëv*.

Dawn ir-rappreżentazzjonijiet artistiċi jirriflettu stadju bikri fil-mixja tad-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni marbut ma' dan ir-rakkont apokrafu li jurina biss *"una prima presa di coscienza intuitiva e mitica della santità perfetta e originale di Maria nella sua stessa concezione"*.[8] L-ewwel tentattivi artistiċi dwar l-Immakulata Kunċizzjoni li jmorru lura għall-Medjuevu, bħalma huwa dak ta' Giotto fil-kappella ta' Scrovegni, jiffurmaw dawk li Vincenzo Francia jsejjaħ *"una serie di modelli sostanzialmente inadeguati a comunicare il tema immacolistico"*.[9]

---

[1] Is-silta hija meħuda u maqluba għall-Malti mill-ktieb *The Protovengelium of James*, f' *The Apocryphal New Testament. A Collection of Apocryphal Christian Literature in an English Translation based on M. R. James*, editjat minn J.K. Elliott, Oxford 1993, 58-59.
[2] Hans-Josef Klauck, *Apocryphal Gospels. An Introduction*, London/New York 2003, 67.
[3] J. Gijsel – R. Beyers, *Libri de nativitate Mariae: Pseudo-Matthaei Evangelium/Libellus de nativitate Sanctae Mariae* (CChr.SA 9-10), Brepols 1997, 67.
[4] Jean-Claude Michel, *L'Immacolata Concezione promessa di purezza*, Citt del Vaticano 2001, 12.
[5] Ara Sandra Bandera Bistoletti, *Giotto. Catalogo completo* (= I Gigli dell'arte), Firenze 1989, 63.
[6] Ara Robert Filippetti, *The great event according to Giotto: Scrovegni Chapel, Padua*, Castel Bolognese 2002, 15.
[7] Ibid.
[8] R. Laurentin, *Maria nella storia della salvezza*, Torino 1978, 139.
[9] Vincenzo Francia, *L'Immacolata Concezione: alla ricerca di un modello iconografico*, in *Una Donna Vestita di Sole: l'Immacolata Concezione nelle opere dei grandi maestri*, a cura di Giovanni Morello – Vincenzo Francia – Roberto Fusco, Roma/Milano 2005, 36.

***Beehive***

St. Francis Square, Victoria